# L-Għajn il-Kbira – Fontana, Għawdex u rabtiet mal-ilma ġieri





*Kitba ta'*
***Dr. Keith CILIA DEBONO***
*D.B.A.(Maastricht), M.Phil (Maastricht), M.B.A(Henley), B.Sc. (Maths & Computing)*

## 1.1 Ħarsa ħafifa lejn ġrajjet ir-raħal tal-Fontana u Għawdex

Il-ġrajja tal-Fontana hija marbuta mal-għejun tal-ilma li jnixxu f' dawk in-naħat u li minnhom kienu jixorbu nies u bhejjem u mnejn kienu jsaqqu r-raba'. Dan ir-raħal jinsab f'nofs triq bejn il-belt Victoria u l-port tax-Xlendi. Fl-aħħar tas-seklu dsatax, ħafna sajjieda tax-Xlendi li kienu joqogħdu n-naħa tal-Fontana ħallsu mill-bejgħ tal-ħut l-ispejjeż għall-bini tal-knisja il-ġdida tar-raħal. Il-bdiewa ta' dawn l-inħawi kienu jkabbru l-ħxejjex fil-ġonna u kienu jbigħu minnu fil-belt ta' Victoria flimkien ma' prodotti oħrajn. Ir-raħal tal-Fontana kiber bħala subborg taċ-ċittadella tal-belt Victoria u l-ħajja tar-raħal kienet marbuta ma' dik tal-belt fil-qrib. Ma jistax jonqos li r-raba' fertili kien jikkontribwixxi mhux ftit b'mod ġenerali għall-prodott agrikolu ta' Għawdex fiż-żmien meta l-ħidma ekonomika ewlenija ta' dawn il-gżejjer kienet l-agrikoltura (Bezzina, 2005).[1].



***Il-Knisja tal-Fontana***

Fi żmien bikri tal-Medju Evu, il-gżira ta' Għawdex kienet għammiela u kienet tkabbar ħafna qamħ. Fis-sena 1454 il-prezz tal-qamħ fiż-żewġ gżejjer (ta' Malta u Għawdex) waqa' minħabba f'abundanza ta' qamħ f'Għawdex (Wettinger, 1981) . Il-produzzjoni tal-qamħ f'dawn il-gżejjer iżda ma baqgħetx tlaħħaq mad-domanda tal-popolazzjoni li kienet tikber kulma jmur – għalkemm bil-mod – minkejja l-mard, il-għaks u l-ħerba li ħallew warajhom furbani minn żmien għal żmien (Leopardi, 1964)[2]. Barra minn dan, il-qamħ, għalkemm meħtieġ ma baqax il-prodott ewlieni ta' dawn il-gżejjer. It-tkabbir tal-qoton (u ħxejjex oħra bħall-kemmun) kien iħalli aktar qligħ. Wara kollox il- Muniċipalitajiet (Universitajiet) ta' Malta u ta' Għawdex kellhom il-privileġġ li jimportaw qamħ minn Sqallija, fejn il-qamħ kien ta' kwalità tajba u kien jinstab bl-abbundanza (Leopardi, 1963). Is-sena 1551 ġabet iżda bidla kbira fil-ħajja f'Għawdex, meta qawwa tat-Torok ħabtet għal dawn il-gżejjer u ħarbtet lil Għawdex, hekk li għal ħafna snin din il-gżira baqgħet bħalkieku mitluqa. Kien imbagħad meta t-theddida tat-Torok bdiet tbatti li l-gżira ta' Għawdex setgħet tieħu r-ruħ mill-ġdid.

## 1.2 L-Għejun ta' ilma ġieri fil-Fontana

Bini storiku fil-Fontana hija l-Għajn il-Kbira, jew kif kienet magħrufa fl-antik bit-Taljan bħala *Gran Fontana*. Il-Għajn il-Kbira kienet l-għajn l-iktar importanti minn erbgħa oħra li kien hemm fl-istess inħawi sal-aħħar tas-seklu dsatax u li tlieta minnhom m'għadhomx jeżistu. Il-Għajn ta' Bendu,

[1] http://www.fontana.gov.mt/about_fontana05_mt.asp

[2] Leopardi (1964) huwa tal-fehma illi l-biża minn invazzjonijiet tal-furbani, li kienu frekwenti waslet għall-abbandun ta' għelieqi. Barra minn hekk il-furbani ġieli ħarqu uċuħ ir-raba, qalgħu is-siġar u probabbilment anke serqu bhejjem - fatturi, speċjalment din tal-aħħar, li wasslu għal art li ma tirrendix.

imsemmija wara raħal jismu Bendu, hija l-għajn li għadna insibu illum, faċċata tal- Għajn il-Kbira. Biswit l-Għajn il-Kbira konna insibu l-Għajn tal-Loġoġ, imsemmija hekk minħabba tliet loġoġ jew arkati fuq ir-riħ li kellha. Dawn l-arkati reġgħu nbnew mill-ġdid m'ilux, fil-post fejn kienet tinstab din l-għajn. Iż-żewġ għejun l-oħra li m'għadhomx jeżistu huma l-Għajn tal-Bhejjem, għajn b'żewġt iħwat fuq kolonna li kienu jimtlew bl-ilma minn taħt; u l-Għajn tal-Wied, nixxiegħa ilma ħierġa mill-blat fil-wied fil-qrib. Ta' min jgħid ukoll illi fil-Fontana teżisti għajn oħra tas-Saqwi, però din tinstab taħt it-Triq Gaspard Le Marchand (Bezzina, 2005). [3]



*Il-Għajn il-Kbira*

## 1.3 L-importanza tal-Għajn il-Kbira

L-Għajn il-Kbira kienet tifforma parti minn benefizzju medjevali msejjaħ Tas-Saqqajja, jiġifieri tar-raba'saqwi. L-Għajn tal-Ħasselin li nbiet fuqha saret lejn is-sena 1685 minn qassis, Gasparre Azzopardi li kien fil-pussess tas-Saqqajja. Madanakollu, fuq bażi ta' riċerka, nafu wkoll li l-Għajn kellha tisqifa fuqha sa mis-sena 1373. Din hija binja, għamla ta' ħnejjiet imsaqqfa li taħthom kienu jistkennu n-nisa meta kienu jaħslu l-ħwejjeġ fl-ilma ġieri fis-sajf jew fix-xitwa. In-nies tar-Rabat kienu wkoll imorru jġibu l-ilma minn hemm meta l-ilma kien ikun skars (Bezzina, 2005).

Fin-nofs fuq wara tal-Għajn hemm tliet armi, li tnaqqxu fl-okkażjoni tal-bini tagħha fis-seklu sbatax. Dawn huma tal-Gran Mastru Gregorio Caraffa (1680-1690), tal-familja Azzopardi li bnietha u dik tal-Universitas (jew Muniċipalità) ta' Għawdex (Bezzina, 2005)[4].



*It-Tliet Armi*

## 1.4 Kitba fid-daħla tal-Għajn

L-istoriku Ġan Franġisk Abela (1647) jsemmi kitba li twaħħlet fl-Għajn il-Kbira biex tfakkar lil Pietru Mompalao li kien ġurat tal- Universita (ta' Għawdex) u kien bin Franġisku li kien ukoll ġurat tal-istess belt. Din il-kitba illum ma għadhiex tintgħaraf għalkemm jidher il-post fejn tinstab.

Abela jfakkar ukoll kif diversi membri tal-familja Mompalao servew fl-amministrazjoni tal-gżira ta' Għawdex kemm qabel u kif ukoll wara l-ħbit tat-Torok tas-sena 1551.

Il-fatt li nħasset il-ħtieġa li titwaħħal kitba f' dik il-għajn turi kemm dak il-post kien importanti fil-ħajja ta' Għawdex u r-rabta tiegħu mal-ħajja ċivika ta' din il-gżira.



*L-Iskrizzjoni fuq l-Arma*

---

[3] http://www.fontana.gov.mt/about_fontana05_mt.asp
[4] http://www.fontana.gov.mt/about_fontana07_mt.asp
Riferenza wkoll għal-plakka li twaħħlet mal-ġenb tal-Għajn il-Kbira u li titkellem dwar dawn il-ħamest egħjun.

## 1.5 Il-familja Mompalao

Il-familja nobbli Mompalao għandha l-oriġini tagħha fil-provinċja ta' Katalonja fi Spanja u ġiet Malta fi żmien is-slaten Aragonizi. Il-Katalani kienu magħrufa fil-qasam tan-negozju u tal-kummerċ. B'rabta mal-familja Mompalao insibu l-arma tal-familja fil-kappella ta' Santa Lucia fil-Knisja Matriċi ta' San Ġorg fir-Rabat, Victoria. Din tqiegħdet biex tfakkar grupp ta' benefiċċji mħollija b'testment mill-imsemmi Pietro Mompalao fis-sena 1532. Il-familja Mompalao kellha ġuspatronat f'dik il-kappella.[5]

Dan ikompli juri kemm Pietru Mompalao kellu għal qalbu l-ġid tal-gżira Għawdxija. Il-ħidma tal-familja Mompalao fit-tmexxija tal-gżira ta' Għawdex ma waqfitx minħabba l-invażjoni tat-Torok tas-sena 1551. Hekk insibu lil Garzia Monpalao (bin Pietro) fl- 1568 jikri - bħal bosta Għawdxin għonja oħra - propjetà u għelieqi lill-Maltin għal perjodu ta' ftit snin sabiex ipattu għan-nuqqas ta' ħaddiema Għawdxin, b'riżultat tal-invażjoni Torka ta' l-1551 (Fiorini, 1986)[6]

Il-familja Monpalao kompliet tagħti s-sehem tagħha fit-tmexxija tal-gżira ta' Għawdex ukoll matul is-sekli sbatax u tmintax. Il-Gran Mastri għarfu l-kontribut ta' din il-familja, hekk li fis-sena 1732 Calcerano Mompalao u membri oħrajn tal-istess familja ngħataw it-titlu ta' Nobbli u fis-sena 1783, l-Gran Mastru de Rohan ta t-titlu ta' Baruni lil Giovanni Battista Mompalao, membru ta' l-istess familja.[7]

## 1.6 Niċċa tal-Madonna fuq l-Għajn il-Kbira

Fuq l-Għajn il-Kbira wieħed jista' jilmaħ niċċa bi statwa tal-Madonna tar-Rummiena li jingħad li kienet issir festa għaliha quddiemha fix-xahar ta' Lulju. Għal din il-festa, il-Għajn kienet tiżżejjen bil-fjakkoli u bil-qasab li jikber bl-abbundanza, fl-inħawi (Vella Haber, 2012).



***In-niċċa tal-Madonna tar-Rummiena***

## 1.7 Is-siġar tal-qasab fil-madwar u lil hinn mill-Għajn tal-Fontana

Ta' min jinnota illi s-siġra tal-qasab hija indikazzjoni ta' ilma ġieri fl-inħawi ta' fejn tikber. Saħansitra, xitla qaribha tagħha – il-papiru – apparti illi kont issibha bl-abbundanza maġenb ix-xmara Nil fl-Egittu, għadek issibha b'mod speċjali max-xmara Caine f' Sirakuza fi Sqalllija. Fil-gzira t'Ortigja f'Sirakuza wkoll insibu l-papiru tikber maġenb għajn ta' ilma ġieri magħrufa bħala Fontana Arethusa[8].



***Ix-xitla tal-Papiru fejn il-Fontana Aretusa***

Il-Fontana Arethusa hija msemmija wara nimfa sbejħa – Arethusa – illi tissemma fil-mitoloġija Griega u proprju f'leġġenda ta' Ovide fil-*Metamorphoses.* Skont il-leġġenda, l-alla Artemis biddlet lil Aretusa f'nixxiegħa ta' l-ilma sabiex tiskansaha mill-attenzjoni mhix milqugħa minn Aretusa, ta' Alpheus, l-alla tax-xmajjar. Bħala nixxiegħa, Aretusa ippruvat taħrab minn Alpheus taħt l-ilma baħar. Madankollu, Alpheus kompla jsus warjaha sakemm laħaqha u b'hekk tnejn saru nixxiegħa waħda illi tiżbokka f'wiċċ l-art t'Ortigia.

Mal-Fontana Aretusa nsibu diversi għejun mqabbdin magħha fl-inħawi taħt l-art, fosthom waħda magħrufa wkoll bħala l-Għajn tal-Ħasselin, hekk imsejħa bħala il-*Vecchio Lavatoio* il-għaliex baqgħet tintuża għal dan l-iskop sas-seklu tmintax.

---

[5] 1575 Rapport tal-Vista tal-Isqof Mgr Pietrro Duzzina. Ara http://www.saidvassallo.com/SME/Benefices-1575.html

[6] Insibu riferenza li ġġib id-data tat-30 ta' Diċembru 1568 ta' kera ta' propjetà *'locum rusticum cum mandris in contrata cortin herrin'* minn Garsias Monpalao lil ċertu Malti, Paolo Vella (*dicto* Vizorr) għal perjodu ta' erba' snin.

[7] http://www.maltagenealogy.com/libro%20d'oro/mompalao.html

[8] http://www.lonelyplanet.com/italy/sicily/syracuse/sights/fountain/fontana-aretusa



**Għajn tal-Ħasselin f'Ortigia, Sirakuża**

## 1.8 Kitba u tpinġija dwar l-Għajn il-Kbira u l-madwar

In-nixxigħat tal-ilma u l-ħdura ta' madwar l-inħawi ta' l-Għajn saħħru anke lill-barranin illi jżuru lill-gżejjer Maltin. Hekk per eżempju fl-1839, George Percy Badger, fil-ktieb tiegħu *'Description of Malta and Gozo'* jagħti ħjiel f'deskrizzjoni kemmxejn qasira ta' triqtu lejn il-bajja tax-Xlendi. Huwa jikteb hekk: *'The road <to Xlendi> is very pictoresque, lying through several gardens, well watered by a copious spring, which flows in a small stream through a ravine extending inward about one mile from the beach'.*

Il-Għajn il-Kbira kienet ukoll waħda mix-xeni tal-kampanja Għawdxija li laqtet lill-kittieb u pittur ingliż Edward Lear (1812-1888).



**Edward Lear (1812-1888)**

Lear kien iħobb jivvjaġġja u jpinġi kull fejn kien imur. Huwa qatta' xi żmien f'Malta fl-1848 u fl-1866 fejn kellu ħbieb ma' kbarat Ingliżi, fosthom lil Evelyn Baring (li aktar 'il quddiem laħaq Gvernatur Generali tal-Eġittu bħala Lord Cromer)[9].

Lear kellu mħabba speċjali lejn ġmiel in-natura u partikolarment issaħħar mis-sbuħija tal-gżira ta' Għawdex. F'ittra li ġġib id-data tat-13 ta' April 1866, Lear jikteb lill-Kuntessa Ingliża, Frances Waldegrave, illi l-mawra ta' gimgħa, illi hu kellu f'Għawdex mis-16 ta' Marzu, 1866[10], kienet waħda mill-iktar pjaċevoli, u bl-għajnuna ta' Giorgio <kunjomu, Kokali, illi kien il-qaddej li għex miegħu sa l-1883> pinġejt kull parti minnha, tul il-mixjiet <fil-gżira Għawdxija> ta' bejn ħmistax u għoxrin mil kuljum' (Banerjee, 2010)[11]. Fost dawn il-pitturi dwar Għawdex insibu *Fungus Rock, Gozo; Rabbato Gozo; Xlendi, Gozo - Scklendi, Gozo.*

It-tpingija tal-Għajn il-Kbira, imsemmija bħala '*Gran Fontana*' u li illum tinsab fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, fil-Belt, Valletta saret fl-20 ta Marzu 1866.



**Gran Fontana (Rabat, Gozo), Edward Lear, 1866**

B'din it-tpingija, il-pittur wera spontanjetà u huwa probabbli illi tpinġiet fuq il-post. Din l-ispontanjetà toħrog ukoll f'xi tpinġijiet oħra tiegħu, bħal per eżempju f'waħda minn diversi dwar Wied il-Għasel fil-Mosta imsemmija bħala *'Rocky valley of Musta'*[12] u li ġġib id-data tat-3 t'April 1866. Fiha, Edward Lear

[9] Ta min jgħid ukoll, illi Edward Lear kien ħabib kbir ukoll tal-poeta Ingliż Lord Alfred Tennyson li saħansitra iddedikalu poeżija *'To E.L (Edward Lear) on his travels to Greece'* u anke tal-pittur pre-Raffealit, Holman Hunt.

[10] http://www.themuseumoftoys.com

[11] *Letter from Edward Lear to Lady Waldegrave from Hotel della Linacria, Messina, 13th April 1866*

[12] Yale Centre for British Art , Yale University, New Haven, Connecticut http://dp.la/item/e74f82cf7e103e18836bacdda4e118b7?ba ck_uri=http%3A%2F%2Fdp.la%2Fsearch%3Fsubject%3DValley%2B%28landform%29

iħażżeż kemm il-ħin eżatt li fiha pittirha kif ukoll il-ħsejjes illi kien qed jisma' fil-Wied waqt it-tpinġija.[13]

Ta' min jgħid illi l-imħabba lejn l-ivvjaġġar u n-natura kienet tipika tal-Moviment Romantiku, kif ukoll it-tpinġija fuq il-post (iktar milli fl-egħluq ta' xi *studio*) huma karatteristiċi tal-Moviment Franċiż tal-Impressjoniżmu, li fi żmien Lear kien għadu fil-bidu tiegħu[14].

B'din il-pittura Edward Lear ħareġ b'mod sempliċi il-funzjoni ewlenija tal-għajn, permezz ta' mara donnha liebsa bl-għonnella u b'sorra ħwejjeġ għall-ħasil fuq rasha u li sejra takkumpanja xi nisa oħra li jintlemħu fil-Għajn.

## 1.9 Il-Għajn il-Kbira llum

Minn żmien Edward Lear 'l hawn, il-Għajn tilfet ħafna mill-importanza tagħha għall-ħasil tal-ħwejjeġ, l-iktar b'ħajja iktar imgħaġġla u mgħammra b'magni tal-ħasil li kulma jmur isiru iktar sofistikati. Madanakollu għadek tara min jaħsel il-ħwejjeġ fl-ilma frisk u safi li għadu jġelben għal ġol-ħwat fil-Għajn.

Daqstant ieħor fil-Għajn il-Kbira għadek issib jikber it-tursin il-bir li jsib post umdu biżżejjed u kenni mix-xemx diretta sabiex jikber. Illum it-tursin il-bir m'għadhiex xi xitla komuni fil-btieħi tad-djar daqskemm kienet fl-imgħoddi. Hija għalhekk gost illi għadek taraha tikber b'mod kemmxejn abbundanti f'inħawi bħal dawn inkluż fi xquq kennija fil-blat għoli li jdawwar il-bajja tax-Xlendi.



***It-tursin il-bir fl-Għajn il-Kbira***

Wara kollox ta' min jinnota b'sodisfazzjon illi l-Għajn il-Kbira għadha tagħti lemħa ħajja ta' Għajn tal-Ħasselin, meta tqis illi l-uħud mill-għejun magħrufa bl-istess isem f'Malta tilfu l-użu u saħansitra s-seħer tagħhom kważi għal kollox.

J'Alla li l-Għajn il-Kbira tibqa' ħajja fostna, sabiex uliedna jistgħu jifhmu aħjar u anke japprezzaw dak kollu illi kienu jagħmlu missirijietna sabiex jitrejqu u jagħmlu użu tajjeb mill-ilma f'art u fi klima illi min-natura tagħha taf tkun xotta u niexfa għal kollox.

---

[13] Fuq it-tpinġija, bl-idejn il-pittur insibu kliem bħal *'great hum of bees or flies black birds' song' 'sitting on a gray rock, 'mysterious crushy noise', 'children on the path up to the shrine'*

[14] http://www.europeana.eu

***Bibliografija***


ABELA, Gian Francesco (1647), *Della Descrittione di Malta del Commendatore Abela.*

BADGER George Percy (1839), *Description of Malta and Gozo, http://books.google.com.mt*

BANERJEE, Jacqueline (2010), *The Victorians in Malta: Part II (Society and Culture), The Victorian Web*

http://www.victorianweb.org/history/empire/malta/2.html

BEZZINA Joseph (2005), *Dwar il-Fontana,* Sit elettroniku tal-Kunsill Lokali, Fontana,

http://www.fontana.gov.mt/about_fontana01_en.asp

EUROPEANA, http://www.europeana.eu

FIORINI Stanley (1986), 'The Resettlement of Gozo after 1551, Melita Historica, Vol IX, 3, The Malta Historial Society, Malta University Press, 203-244

FONTANA LOCAL COUNCIL, http://www.fontana.gov.mt/

LEOPARDI, E.R, (1964), *The Island of Gozo: 1432-1453*, Melita Historica, Journal of the Malta Historical Society, Vol 4, 1, 67-71.

LONELY PLANET, *Fontana Aretusa*, http://www.lonelyplanet.com/italy/sicily/syracuse/sights/fountain/fontana-aretusa

MALTA GENEAOLOGY, http://www.maltagenealogy.com/

SAID-VASSALLO GROUP PTY LTD, ABN: 411 247 50410, PO. Box 1075 GLEBE NSW 2037, Australia, http://www.saidvassallo.com/

THE MUSEUM OF TOYS, Xagħra Gozo, http://www.themuseumoftoys.com/

VELLA HABER, Mary Rose (2012), *Nicec fil-Fontana L-Għajn il-Kbira 2012,* http://www.qalbtagesu.com/PDF_other/fontana12.pdf

WETTINGER Godfrey (1982), *Agriculture in Malta in the Late Middle Ages*, Proceedings of History Week 1981 (M. Buhagiar, Ed.)

YALE CENTRE FOR BRITISH ART, Yale University, New Haven, Connecticut http://britishart.yale.edu